



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessioni

13.12.2011

B7-0692/2011 }
B7-0696/2011 } RC1

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura

li tieħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:
ALDE, PPE (B7-0692/2011)
S&D (B7-0696/2011)

dwar il-Protokoll futur li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kumpens finanzjarju previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (2011/2949(RSP))

Carmen Fraga Estévez
fisem il-Grupp PPE-DE
Ulrike Rodust
fisem il-Grupp S&D
Carl Haglund
fisem il-Grupp ALDE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Protokoll futur li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kumpens finanzjarju previsti fil-Ftehim ta' Šhubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (2011/2949(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l Ftehim ta' Šhubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 764/2006 tal-22 ta' Mejju 2006¹),
 - wara li kkunsidra l-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kumpens finanzjarju previsti fil-Ftehim ta' Šhubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk (0000/2011),
 - wara li kkunsidra l-proċedura ta' appovazzjoni skont l-Artikolu 43(2) u l-Artikolu 218(6), it-tieni paragrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0000/2011),
 - wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għall-Baġits (A7-0000/2011 u A7-0000/2011),
 - wara li kkunsidra n-nota spjegattiva li tifforma parti mir-rakkmandazzjoni tal-Kumitat dwar is-Sajd (A7-0394/2011), li tiddeskrivi n-nuqqasijiet tal-Protokoll attwali ta' sena kurrenti,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 115 u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, skont ir-rapport ta' valutazzjoni ex-post estern ordnat mill-Kummissjoni, il-Protokoll attwali għandu proporzjon kost-benefiċċju mhux sodisfaċenti evidenti minħabba r-rata baxxa ta' użu tal-opportunitajiet tas-sajd nnegożjati, is-sajd żejjed kif ukoll in-nuqqas li jiġu indirizzati l-aspetti ekoloġiċi u soċjali;
- B. billi kull Protokoll futur li għandu jiġi nnegożjat mill-Kummissjoni jrid jindirizza l-problemi serji relatati mal-protokolli preċedenti u attwali;
- C. billi il-Ftehimiet ta' Šhubija dwar is-Sajd għandhom ifittxu li jiksbu l-objettivi ekonomiċi u soċjali, fuq il-bażi ta' kooperazzjoni xjentifika u teknika mill-qrib, sabiex jiżguraw l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd;
1. Jistieden lill-Kummissjoni tmexxi 'l quddiem in-negożjati għal Protokoll ġdid sabiex tkun eskuża kull sitwazzjoni li fiha l-Protokoll ikollu jiġi applikat b'mod proviżorju peress li l-Parlament ikun għadu ma tax il-kunsens tiegħu;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kull Protokoll futur ikun ekonomikament, ekoloġikament u soċjalment sostenibbli u ta' benefiċċju reċiproku;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-prinċipju li l-bastimenti tal-UE jingħataw aċċess għal stokkijiet żejda biss għandu jiġi applikat fil-Protokolli futuri kollha; jenfasizza, b'mod partikolari, li jrid ikun hemm valutazzjoni rigorūza tal-istokkijiet kollha;

¹ ĠU L 141,29.5.2006, p. 1.

4. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li skont il-Protokoll futur l-opportunitajiet tas-sajd jiġu aġġustati f'konformità mal-pariri xjentifiċi u l-evalwazzjoni tal-istokkijiet kif ukoll mal-bżonnijiet tas-settur tas-sajd; jinsisti ulterjorment li d-deċiżjonijiet dwar il-miżuri tekniċi u l-opportunitajiet tas-sajd iridu jittieħdu fuq il-bażi tal-pariri xjentifiċi, b'konsultazzjoni mas-sajjieda;
5. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kull Protokoll futur jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-sistema ta' ġestjoni tas-sajd tal-Marokk, inklużi l-kontroll u s-sorveljanza, ir-riċerka xjentifika, l-iżvilupp tal-flotot lokali, it-taħriġ, eċċ.;
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-appoġġ settorjali jkun użat b'mod aktar effiċjenti, u jinsisti li l-kontrolli jridu jkunu aktar effikaċi; jemmen li l-Ftehim ta' Šhubija dwar is-Sajd irid jinkludi mekkaniżmi effikaċi ta' sorveljanza biex jiżguraw li l-fondi allokati għall-iżvilupp, u b'mod partikolari għat-titħejja tal-infrastruttura fis-settur tas-sajd, jintużaw kif xieraq;
7. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex tikseb id-data neċċesarja dwar l-implementazzjoni tal-Protokoll u b'hekk il-proċedura leġiżlattiva tkun iktar trasparenti;
8. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Protokoll futur jirrispetta bis-sħiħ il-liġi internazzjonali u jkun ta' beneficiju għall-gruppi ta' popolazzjoni lokali milquta kollha;
9. Jistieden lill-Kummissjoni tiprovd lill-Parlament b'rapport bil-miktub dettaljat li jispjega l-livell li fih ix-xewqat tal-Parlament ġew meqjusa fil-Protokoll futur;
10. Jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, biex tirrispetta l-ftehim ta' qafas interistituzzjonali u r-rwol tal-Parlament Ewropew, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona;
11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Gvern tal-Marokk.